MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 366/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar is-26 t'Ottubru 2005 għall-ħabta tad-9 am ġewwa l-area magħrufa bħala Tal-Kanuni limiti tar-Rabat:

a) Bil-ħsieb li jikkommetti delitt ta' serq mill-fond Dream Cottage, flimkien ma' persuni oħra w cioe' ma' Costantino Felice w Clint Zammit, wera dan il-ħsieb b'atti esterni w ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu w, li kieku ġie esegwit, kien ikun serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur, li jeċċedi l-elf lira Maltin u

bil-lok u liema attentat sar fuq il-koppja Grazia w Francesco Camilleri li għandhom aktar minn sittin sena w fuq persuni oħra;

b) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri, anzjana ta' aktar minn 60 sena, liema offiża ġabet debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-imsemmija Grazia Camilleri skond kif iċċertifikaw Dr Debbie St John MD u Dr Konrad Borg MD mill-Isptar San Luqa w tobba oħrajn;

ċ) fl-istess data, ħin, lok u ċirksotanzi, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorita' kompetenti w barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil għadd ta' persuni kontra l-volonta' taghhom, fosthom żewġ anzjani ta' eta' ta' aktar minn 60 sena;

d) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, flimkien ma' Costantino Felice w Clint Zammit, filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna ta' Grazia Camilleri w ta' persuni oħrajn u /jew reat ta' serq u/jew ħsara fil-propjeta', kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari w / jew munizzjon u/jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

e) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-fomm lill-koppja Camilleri, lil Lee Cortis u Stephanie Cortis b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

f) fl-istess data u ħin, fir-Rabat u / jew fi bandi oħra f'dawn il-Gżejjer żamm fil-pussess tiegħu w /jew ġarr armi tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

g) f'dawn il-Gżejjer, fis-26 t'Ottubru 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel, saq vettura VW Golf, numru ta-reġistrazzjoni ABB 925 mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

h) finalment talli huwa sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta wara li nstab ħati b’sentenza mogħtija mill-Qrati Maltin fl-20 t’April 2005 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tinbidel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 41(1)(a), 86, 87(1)(c), 218(1), 249(2), 249(1), 262(a)(c)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(g), 274(a), 275 u 277(a) u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 26(a) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 3(1)(1A)(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba’, tas-sitta w tat-tmien imputazzjoni w ikkundannatu ghal tliet snin prigunerija w illiberatu mill-hames w mis-seba’ imputazzjoni.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti kkundannatu jhallas l-ispejjez tal-espert mahtur minn din il-Qorti li jammontaw ghal €128.86. Il-bqija tal-ispejjez fil-process li kien anness diga’ thallsu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 t’Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikonfermaha kwantu l-appellant ma giex misjub hati tal-hames u tas-seba’ imputazzjoni w li minnhom illiberatu w tirrevokaha kwantu l-appellant instab hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba’, tas-sitt u tat-tmien imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi w, fil-kaz li dina l-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant taht dawn l-imputazzjonijiet kollha jew uhud minnhom, li tvarja l-piena nflitta, ghal piena ohra nqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor jikkonsisti filli tenut kont il-grad ta’ prova li l-prosekuzzjoni ghandha tilhaq

skond il-ligi fi process penali w tenut ukoll certa punti legali rilevanti f'dan il-kaz, l-appellant gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza w kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi. L-appellant ma kellux jinstab hati tal-imputazzjonijiet li taghhom instab hati mill-Ewwel Qorti.

L-appellant umbaghad jghaddi biex jelenka w jissostanzja numru ta' aggravji sija ta' natura guridika kif ukoll li jolqtu biss l-apprezzament tal-fatti w dwar il-piena erogata, li ser jigu trattati *seriatim* f' din is-sentenza.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami jiskaturixxu minn tentattiv ta' serq li sar ghall-habta tad-9 am. fis-26 t' Ottubru, 2005 minn gol-fond Dream Cottage, fl-area dizabitata maghrufa bhala Tal-Kanun, fl-inhawi tar-Rabat, fejn zewg irgiel certu Costantino Felice w Clint Zammit dahlu armati b' senter isserrat u pistola rispettvament gol-fond u sawwtu lil zewg persuni anzjani Grazia Camilleri, li kkagunawlha feriti ta' natura gravi, kif ukoll lil zewgha Francesco Camilleri w , wara li qalbu l-ambjenti tal-fond, gew interrotti minn wiehed min-neputijiet tal-anzjani Lee Cortis u harbu minn fuq il-post bla ma hadu xejn f' karozza Golf hadra. F' din il-karozza, skond almenu zewg xhieda, kien riekeb ukoll l-appellant, li pero' baqa' fil-car waqt li t-tnejn l-ohra dahlu jipprovaw jisirqu. Bhala konsegwenza ta' dawn il-feriti li sofriet, l-anzjana ddahhlet l-Isptar fejn baqghet ma gietx f' sikitha sakemm mietet xi xhur wara.

Aktar tard dak in-nhar ghall-habta tal-11am, il-Pulizija mmexxija mill-Ispettur Mercieca arrestaw lill-akkuzat li flimkien ma Zammit u certu Jonathan Felice, li jigi hu Costantino Felice, kienu go jew hdejn il-karozza Golf hadra numru ABB 925 go Misrah Guze' Flores, Hal-Qormi. Clint Zammit kien fuq in-naha tax-xufier fil-waqt li l-appellant kien fuq is-seat tal-passiggier. Il-Pulizija interrogaw lill-akkuzat fi tlitt okkazzjonijiet izda dan ma wiegeb ghal ebda domanda li saritlu, hlief ghal xi wahda

jew tnejn li ma joltqux il-mertu tal-kaz. Invece, meta interrogaw lil Costantino Felice kif ukoll lil Zammit, dawn ammettew il-htija taghhom u gew processati w eventwalment sentenzjati ghall-periodi ta’ prigunerija effettiva.

Wara li ntemm il-process kontra Felice u Zammit, inbdew il-proceduri odjerni kontra l-appellant li nstab hati ta’ uhud mill-akkuzi kif fuq intqal u li issa qed jaghtu lok ghal dan l-appell.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda nuqqas ta’ tharis ta’ l-artikoli 546, 548 u 646 tal-Kodici Kriminali. L-appellant jibda’ biex jghid li x-xhieda Francesco Camilleri, Lee Cortis u Stephanie Cortis, ghalkemm kienu xehdu darbtejn u cioe’ l-ewwel darba fl-inkjesta quddiem il-perit nominat mill-Qorti, Dr. S. Filletti w darba fl-istruttorja fil-process kontra Costantino Felice u Clint Zammit, qatt ma xehdu *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti f’ din il-kawza. Inoltre l-hatra ta’ Dr. Filletti da parti tal-Magistrat Inkwirenti biex hu jiehu x-xiehda ta’ dawn il-persuni bil-gurament ma kienetx taqa’ taht ir-rwol ta’ perit tekniku izda tal-Magistrat Inkwirenti li jkun qed imexxi l-inkjesta skond l-artikolu 546 (3) tal-Kodici Kriminali.

Dan is-subartikolu hu intiz biex jillimita l-poteri tal-Magistrat Inkwirenti milli jiddelega ufficjal tal-Pulizija biex izomm l-access biex jistabilixxi l-fatti rilevanti. L-appellant ghandu ragun li l-Magistrat Inkwirenti f’ dan l-kaz – trattandosi ta’ serq bi vjolenza kontra l-persuna - ma setax minnflok jaghmel access fuq il-post, jordna lill-Ufficjal tal-Pulizija mhux taht il-grad ta’ spettur biex jistabilixxi l-fatti rilevanti, kif ghamel meta nnomina lill-istess Spettur tal-Pulizija Carlo Ellul sabiex izomm access minnufieh u jistabilixxi l-fatti rilevanti w jirrelata bil-miktub.

Peress li dan ma setax isir, kien skorrett ukoll il-Magistrat Inkwirenti meta innomina:-

***"biex jassisti lill-imsemmi Spettur tal-Pulizija waqt l-access,*** *lil Dr. Strefano Filletti bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima ta' l-oggetti jew hsarat in kwistjoni u sabiex jisma' x-xhieda bil-gurament u jiehu x-xhieda* [recte; "xiehda"] *taghhom bil-miktub u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti."* (emfasi ta' din il-Qorti)

U ghalkemm kieku l-Magistrat Inkwirenti zamm l-access hu stess, kif suppost ghamel, ma jidhirx li kien ikun skorrett legalment meta innomina perit tekniku biex wara li jisma' x-xhieda jaghmel stima tal-oggetti u tad-danni, mhux hekk sar u Dr. Filletti gie nominat biex jassisti lill-Ispettur. Di piu', fir-relazzjoni tieghu, Dr. Flletti ma ghamilx tali stima izda llimita ruhu ghall-kostazzjonijiet ta' fatt li hu stabbilixxa. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jilmenta minn din l-irregolarita' fil-gbir tax-xhieda fl-inkjesta.

Issa huwa minnu li l-artikolu 549 (3) jiddisponi li x-xiehda tax-xhieda mismugha fl-access ghandha tigi imdahhla wkoll fil-process verbal u skond is-subartikolu (4) din ix-xiehda ghandha tittiehed bil-mod li tittiehed ix-xiehda li jinsemghu mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti istruttorja w ghandha l-istess effett, pero', in vista' ta' dak li jipprovdi l-artikolu 550, u cioe' li tali xhieda jistghu jingiebu quddiem il-Qorti Istruttorja fuq talba tal-Pulizija, mill-Avukat Generali w mill-persuna mixlija biex jixhdu *viva voce*, u dan ma sarx, din il-Qorti tqis li in vista' tal-irregolarita' tan-nomina ta' Dr. Filletti biex jassisti lill-Ispettur kif fuq intqal, ladarba dawn ix-xhieda ma gewx prodotti biex jixhdu *viva voce* f' dan il-process, dawn m' ghandhomx ikunu ammissibbli.

Pero', ghall-fini ta' din il-kawza, din il-lanjanza hija wahda purament akkademika, ghax – kif gustament irrileva l-abbli prosekutur waqt it-trattazzjoni orali – l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma bbazatx id-dikjarazzjoni ta' htija tal-appellant fuq it-tlitt xhieda imsemmija mill-appellant fir-rikors tal-appell, imma fuq dak li xehdu *viva voce* Costantino Felice, Elvin Cortis, PC. Patrick Pisani, l-Espert tal-Qorti Martin Bajada w Roderick Bonnici kif ukoll it-Tabib Etienne Muscat quddiem l-Ewwel Qorti fl-

Istruttorja w anki wara li dik il-Qorti kkonvertiet ruha f’ Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. U ghalkemm l-Ewwel Qorti semmiet li hadet nota li fl-inkjesta w fil-process l-iehor kontra Felice u Zammit kienu xehdu Lee Cortis u Francesco Camilleri, mkien fil-parti tas-sentenza bl-intestatura ***“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti”*** ma ghamlet riferenza ghal dawn ix-xhieda fil-motivazzjoni taghha.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-lanjanza konsegwenzjali li ladarba Francesco Camilleri qatt ma ddepona f’ dawn il-proceduri u fid-dawl tal-fatt li minn imkien ma jemergi l-valur tal-oggetti li setghu jinsterqu mill-fond *de quo*, ma jirrizultax l-aggravanti tal-valur, l-appellant ma ghandux ragun ghaliex biex jigi determinat il-valur ta’ oggett misruq ma hemmx bzonn jinhatru esperti izda dan jista’ jkun determinabbli mill-gudikant tal-fatt mill-esperjenza tal-hajja ghab-bazi tac-cirkostanzi. Umbaghad meta si tratta ta’ akkuza ta’ tentattiv ta’ serq, fejn ma jkun insteraq xejn, aktar u aktar ma tistax issir stima tal-oggetti li kienu setghu jinsterqu. Dan pero’ ma jfissirx li b’ daqshekk it-tentattiv ghandu jitqies li jkun kaz ta’ serq semplici w cioe’ minghajr l-aggravanti tal-valur. Il-gudikant tal-fatt ghandu dritt iqis ic-cirkostanzi kollha akkompanjanti t-tentattiv tas-serq u bil-buon sens jiddetermina l-valur potenzjali tal-oggetti li setghu insterqu.

Hawn si tratta ta’ serqa ppjanata minn qabel fejn giet *“targeted”* residenza ta’ zewg persuni anzjani li maghhom kienu jghixu mill-inqas tlitt persuni zaghzagh. Ma tridx tkun espert biex tikkonkludi li f’ residenza fejn anki hemm *swimming pool*, anki fejn ikun hemm ghamara bazika w rudimentari, izda normalment ikun hemm *appliances* bhal *fridge, television*, xi *radio*, u accessorji ohra oltre xi flus kontanti w xi oggetti bhal deheb ornamentali li jintlibes, eccetera, jkun hemm oggetti b’ valur komplessiv li jeccedi l-Ewro 232.94 skond l-artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, li hu l-artikolu rilevanti li ssemma mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ rinviju ghall-gudizzju (fol. 148 tal-process) u l-artikolu li tahtu sabet htija l-Ewwel Qorti w li ccitat fis-sentenza appellata. Meta wiehed iqis li l-hallelin f’ dan il-

kaz hadu l-briga li joqghodu jippjanaw biex isibu post f' zona dizabitata w jattakkawh fid-dawl tax-xemx, bin-nies go fih w armati sa snienhom, wiehed ma ghandux logikament u bil-buon sens jifhem li marru biex jisirqu xi kaxxa suffarni.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti, anki jekk ma tigix mehuda in konsiderazzjoni d-depozizzjoni ta' Francesco Camilleri mehuda waqt l-atti tal-inkjesta, li del resto ma ssemmix oggetti w valuri, kellha kull dritt li tikkonkludi legittimament li s-serqa kienet potenzjalment intiza biex jittiehdu oggetti b' valur li jeccedi dak imsemmi fl-artikolu 267 ossia Ewro 232.94 (ossia LM100).

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju li jirrigwarda l-fatt li l-Qorti ghazlet li temmen u
tabbraccja dak kollu li qal Costantino Felice, din hi kwistjoni purament ta' apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .)

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi biex tistabilixxi jekk l-Ewwel Qorti setghetx, fuq il-provi li tressqu, w partikolarment dawk minnha imsemmija fil-parti: “Konsiderazzjonijiet tal-Qorti”, tikkonkludi legalment u ragjonevolment li l-appellant kien verament prezenti fuq il-post tat-tentattiv tas-serqa, sia pure baqa’ barra fil-karozza waqt li t-tnejn l-ohra Felice u Zammit dahlu gewwa armati w ghamlu li ghamlu.

F’ dar-rigward l-appellant jibda pero’ biex jilmenta li ma kellhiex tigi esebita l-istqarrija ta’ Costantino Felice, stante li dan ma kienx gie dikjarat bhala xhud ostili mill-Prosekuzzjoni. Issa, ghall-korrettezza, ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tat xi permess specifiku li tigi esebita din l-istqarrija ta’ dan ix-xhud, izda jidher li din giet esebita bhala parti integrali mill-process intier kontra Felice u Zammit.

Inoltre, minn imkien ma jidher li fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata li l-Ewwel Qorti bbazat ruha fuq l-istqarrija ta’ Felice. Invece l-Ewwel Qorti bbazat ruha kompletament fuq dak li xehed u tenna ripetutament u konsistentement Costantino Felice *viva voce* quddiemha w cioe’ li l-appellant kien mieghu w ma Zammit meta ippjanaw biex jisirqu lil Camilleri w addirittura tela’ maghhom bil-karozza fejn ir-razzett izda, meta hu w Zammit dahlu jippruvaw jisirqu, hu baqa’ barra jistennihom fil-karozza. Ghalhekk la hemm lok li dan id-dokument li jifforma parti integrali minn process iehor jigi sfilzat kif qed jitlob l-appellant u lanqas li b’ xi mod jigi censurat l-operat tal-Ewwel Qorti li ppermettiet li dan id-dokument ikun fil-process li gie esebit.

It-tieni lanjanza tal-appellant hi li bil-mod li kkonduciet il-gbir tal-provi, l-Ewwel Qorti kienet parzjali billi ghamlet mistoqsijiet li kellhom isiru mill-prosekutur. Dan l-aggravju hu fieragh ghall-ahhar. Il-Magistrat togat qieghed hemm biex jamministra l-gustizzja w biex jassigura li ssir ricerka tal-verita’ u mhux qieghed hemm biex jadorna l-bank. Fejn il-Magistrat togat ikun ihoss li xhud qed jipprevarika w jixhed l-falz jew izomm lura milli jixhed dak li jaf, il-

gudikant ghandu kull dritt li jintervjeni b' mod deciziv biex jaccerta ruhu li tohrog il-verita.

L-artikolu 522 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-Qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xiehda tieghu, billi twissieh, izzommu mwarrab ghalih wahdu jew ukoll billi tordna l-arrest tieghu. L-artikolu 523 umbaghad jiddisponi li meta Qorti jkollha suspett ragjonevoli ta' xi prova falza, tista ukoll tordna l-arrest tal-persuna suspettata ta' dik il-prova falza.

Issa f' dan il-kaz kien altru milli ovvju li x-xhud Clinton Zammit – li kien gie dikjarat bhala xhud ostili mill-Prosekuzzjoni - kien rikalcitranti ghall-ahhar u kien qed jixhed b' mod evaziv u jostor il-verita' w li sahansitra kien qed jikkontradici ruhu ma dikjarazzjonijiet li kien ghamel f'okkazzjonijiet precedenti.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-interventi kollha li ghamlet l-Ewwel Qorti biex iggib lil dan ix-xhud lejn is-sewwa, izda dan ma riedx u baqa' jixhed b' mod li kien jidher manifestament li qed jigdeb. Ghalhekk ma ssib assolutament xejn x' ticcensura fid-domandi li saru w bil-mod li saru.

L-appellant umbaghad jghid ukoll li din "l-irregolarita'" ma tul il-kawza seta' kellha influwenza fuq id-decizjoni finali. Kieku din is-sottomissjoni saret fil-kontest ta' xi appell minn verdett tal-gurati moghti fil-Qorti Kriminali, forsi hemm kienet tkun timmerita konsiderazzjoni aktar profonda, pero' f' dan il-kaz, ladarba d-domandi saru mill-istess gudikant li kien eventwalment u finalment ser jiddeciedi fuq il-fatti li kien qed jiddeponi x-xhud, hu ma seta' jinfluwenza negattivament id-decizjoni ta' hadd aktar bid-domandi li ghamel. Kien il-Magistrat li ried ikun sodsfatt mill-veracita' tal-versjoni li kien qed jaghti quddiemu x-xhud Clint Zammit u hadd aktar u jekk – bir-ragun kollu – ma kienx sodisfatt, kif lanqas ma hija sodisfatta din il-Qorti, kellu kull dritt li jipprova jressaq lix-xhud lejn il-verita' billi anki jurih li mhux qed jemmnu.

Ghalhekk dan l-aggravju mhux biss jirrazenta l-fieragh izda kien ukoll ingust u zlejali mal-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat;

L-appellant umbaghad ressaq diversi lanjanzi bazati fuq dak li sejjah: "*Analisi ta' provi mressqa fl-isfond ta' punti ta' dritt"* u beda biex itenni li l-ewwel linja difensjonali tieghu kienet li hu ma kienx fil-post fejn sehh it-tentattiv ta' serq fuq il-konjugi Camilleri. Umbaghad ghadda biex jiskossja l-validita' tal-provi naxxenti mid-depozizzjoni ta' Elvin Cortis u l-provi dwar it-telefon cellulari li gew mix-xhieda ta' Roderick Bonnici w mir-relazzjoni ta' Martin Bajada. Pero' hawn ma jsemmi xejn dwar ix-xiehda ta' Costantino Felice li hija determinanti.

Illi l-Ewwel Qorti, fl-apprezzament li ghamlet, qieset fid-dettall ic-cirkostanzi kollha li rrizultaw u senjatament is-segwenti:-

Li x-xiehda ta' **Costantino Felice** "*kienet cara daqs il-kristall"*. Kienet wahda kostanti mill-bidu sal-ahhar. Fil-qosor, dan xehed li hu kien iltaqa' Hal Qormi ma Clint Zammit u mal-appellant u telghu ir-Rabat flimkien biex jaghmlu *"hold-up".* L-appellant pero' kien baqa' barra fil-karozza jistenna ghax ma riedx jidhol. L-appellant kien jaf x' kienu ser jaghmlu u x' qed jaghmlu t-tnejn l-ohra. Baqa' jsostni din il-versjoni anki meta fl-ahhar tal-process rega' ttella' biex jigi ezaminat mid-difiza.

Qieset ukoll id-depozizzjoni tan-neputi tal-vittmi **Elvin Cortis,** li xehed ripetutament li kien ra u gharaf lill-appellant bhala dak li baqa' barra l-fond fil-karozza Golf ta' kulur ahdar faccata tal-garage. Kien rah minn xaqq fil-gate u dak il-hin kien biss xi erba passi boghod minnu. Xehed ukoll li ghalkemm il-Golf kellha t-*tinted glass,* il-hgiega fejn kien l-appellant kienet imnizzla. L-appellant issottometta li dax-xhud ghandu jigi skreditat ghax kien inkonsistenti. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha id-depozizzjonijiet li ta w ma tara ebda inkonsistenza fis-sustanza tad-depozizzjonijiet tieghu. Hu minnu li f' hin minnhom meta kien qed jirrakkonta x' kien gara ikkonfonda dak li gara

gewwa - w li ovvjament sar jafu minn haddiehor - ma dak li kien qed jara hu minn barra l-fond fejn kien. Imma umbaghad ghamilha cara fl-ahhar depozizzjoni tieghu li hu ma kienx ra x' kien gara fuq gewwa. (Fol. 162 u 163).

Issa kull min ghandu esperjenza forensi jaf li hu komuni hafna li xhud li ma jkunx legali w li ma japprezzax id-differenza bejn *"direct evidence"* dwar dak li jkun esperjenza hu bis-sensi tieghu u dak li jkun sar jaf "*per sentito dire,*" jista' facilment jimmeskola t-tnejn flimkien meta jkun qed jinnarra xi avveniment li jkun gara. B' daqshekk ma jfissirx li jkun qed jigdeb jew jivventa.

Qieset ukoll li cirkostanza ohra korroboranti tal-prezenza tal-appellant fuq il-post hija dik li telefonata li saret minn fuq il-mobile phone bin-numru 7995 0755 fid-9.38 am. (is-serqa saret ghall-habta tad-9 am.) tas-26 t' Ottubru, 2005, kienet giet lokalizzata mill-operatur Go Mobile bhala li saret mill-lokalita' tar-Rabat peress li giet trasmessa minn fuq ic-*cell location* jew antenna li hemm hdejn il-Knisja ta' San Pawl tar-Rabat dik li taghti ghal fuq il-punent ta' Malta ***"facing west".*** (ara r-relazzjoni ta' **Martin Bajada** a fol. 142 u Dok. AB1 a fol. 27 u fol. 29). Invece, skond l-alibi li pprova jaghmel missier l-appellant, il-movimenti tal-appellant dak in-nhar filghodu mis-7.30am sal-10.30am kienu biss bejn Haz Zebbug ghal Hal Far u lura ghal Hal Qormi, postijiet li kollha jigu fuq ix-xaqliba ta' Malta diametrikament opposta ghall-punent tar-Rabat ossia jigu sew lejn ix-Xlokk u l-Lvant tar-Rabat. Umbaghad, fil-kaz ta' Hal Far - fejn suppost kien l-appellant proprju fil-hin tat-telefonata skond missieru – din hi lokalita' ferm u ferm distanti mir-Rabat u ghalhekk mhu xejn probabbli li seta' jinqabad b' dik l-antenna, kif qed jipotizza l-appellant.

Jekk, kif jghid l-appellant fir-rikors tal-appell: *"li gie pruvat biss hu li l-mobile numru 79950755 fis-26 t' Ottubru, 2005 kien qieghed fl-akkwati tal-Knisja ta' San Pawl fir-Rabat, Malta"*, dan *ipsissimis verbis* jimplika li zgur ma kienx fil-lokalita' ta' Hal Far li tinsab fit-tarf l-iehor ta' Malta ghal min jaf gografija bazika ta' dawn il-Gzejjer!

Issa rrizulta li dik il-linja bin-numru 7995 0755 kienet inxtrat mill-ajruport mix-xhud **Roderick Bonnici** ghall-appellant xi zmien qabel ghax l-appellant kien tilef il-mobile tieghu w peress li kien ghadu taht l-eta', kien xtrahielu hu. Dan xehdu l-istess Bonnici.

Ma ngabet ebda prova kuntrarja li dak il-*mobile number* li kien jintuza mill-appellant kien qed jintuza minn xi haddiehor dak in-nhar u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tinferixxi li meta intuza, kien intuza mill-appellant li tieghu kienet il-linja. Dan jimmina serjament l-alibi li pprova jaghti missier l-appellant. U ghalkemm mir-records tal-ETC verament jirrizulta li l-appellant kien mar jirregistra ghax-xoghol Hal Far dak in-nhar filghodu, ma jirrizultax il-hin li fih irregistra. Ghalhekk hu possibbli li kien irregistra jew qabel id-9am. jew bejn id-9.30 am u l-11am, x' hin umbaghad kienu arrestawh il-Pulizija, fil-kumpanija tal-halliel Clint Zammit u fil-vettura li ntuzat ghas-serqa.

L-Ewwel Qorti ghalhekk kellha bizzejjed provi biex legalment u logikament tikkonkludi li l-appellant kien tabilhaqq **<u>prezenti</u>** barra l-fond Dream Cottage fil-karozza li uzaw il-hallelin biex marru fuq il-post u li biha telqu minn hemm fis-26 t' Ottubru, 2005 u din il-Qorti ma tarax li ghandha xi raguni impellenti biex tiddisturba dan l-apprezzament tal-fatti.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

L-appellant umbaghad, bla pregudizzju ghall-aggravji gja fuq trattati, jissottometti ulterjorment linji difensjonali sussidjarji bazati fuq il-koncett guridiku ta' *"voluntary desistance"* fit-tentattiv u fuq dak tal-komplicita'.

Fl-ewwel lok issottometta li f' kaz li jigi emmnut Costantino Felice (u hawn il-Qorti zzid kif ukoll Elvin Cortis) jemergi li l-appellant, qabel ma saret l-intruzjoni ta' Felice u Zammit, ghazel li ma jkomplix fl-agir tieghu hekk kif kien ippjanat. U ladarba tali ghazla saret f' mument u waqt fejn ma kien ghadu gie kommess l-ebda delitt bi hsara tal-konjugi

Camilleri, issegwi [recte: ghandha tapplika] d-dispozizzjoni tal-artikolu 41 (1) (b) tal-Kodici Kriminali. Jghid li semmai w *in pessima ipotesi* l-agir tal-appellant ma kienx jammonta ghall-bidu ta’ xi esekuzzjoni ta’ xi delitt imma ghal atti preparatorji.

Issa hawn ghandna xenarju fejn l-appellant ftiehem ma zewg persuni ohra biex imorru jisirqu minn go fond abitat, muniti b’ zewg armi tan-nar. Tnejn minnhom dahlu fil-fond hekk armati filwaqt li l-appellant baqa’ jistenna barra fil-karozza, sakemm dawn regghu hargu minn hemm wara li falla t-tentattiv u telqu minn hemm fl-istess karozza flimkien.

Hu risaput li modalita’ komuni addottata minn hallelin hija li jkunu f’numru ta’ tlieta biex fil-waqt li tnejn minnhom jidhlu jwettqu s-serqa fizikament, l-iehor jibqa’ barra ghassa biex jara ikunx gej xi hadd.

Issa, kif jghid **Il-Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law . (1953 edit.  Part I, pp.131 - 133) meta jkun qed jittratta l-kwistjoni tal-partecipazzjoni fizika ghall-fini tal-komplicita:-

*“The essential conditions common to those forms of complicity by physical participation are:-*

*(a) that the accomplice should be conscious of the offence contemplated by the principal and have the intention of assisting him in committing it;*
*(b) that the accomplice should have done some act in furtherance of the criminal design which he shares with the principal;*
*(c) that the act of the accomplice should have in fact helped in the commission of the offence.*

U jzid jghid:-

“*Mere* ***‘presence’*** *may be sufficient to constitute this kind of complicity: as, for instance, where the accomplice stands outside the house, watching to prevent surprise or*

*the like, while his companions are in the house committing a crime."* (emfasi tal-Qorti)

Mix-xhieda ta' Costantino Felice li giet emmnuta mill-Ewwel Qorti, jirrizulta l-ewwel element li l-appellant kien konxju x' kien ser isir minn qabel ma mar maz-zewg hallelin fuq il-post li kien ser jigi attakkat. Illi anki jekk, kif xehed Felice, l-appellant fl-ahhar mument ghazel li jibqa' barra w ma jidholx gewwa, b' daqshekk ma giex iddizassocja ruhu minn dak li kien jaf li ser jaghmlu shabu. Anzi bil-fatt li baqa' barra jistennihom fil-karozza waqt li dawn kienu qed jaghmlu serqa *"a mano armata"* fuq gewwa, kien indubbjament qed jaghmel hu wkoll att *"in furtherance of the criminal design which he shares with the principal"* u indubbjament il-fatt li baqa' ghassa barra kien ta' assistenza liz-zewg hallelin li dahlu jesegwixxu s-serqa, ghax kienu jafu li b' hekk huma kellhom mohhom mistrieh li jekk jitfacca xi hadd minn barra l-appellant kien inebbahom b' dan.

Anzi, din il-Qorti tasal biex tghid li bil-prezenza tieghu fuq il-post flimkien maz-zewg hallelin, hu kien ta' bidu ghall-esekuzzjoni tal-parti tieghu tad-delitt u addirittura rrenda t-tentattiv tas-serqa aggravat bil-vjolenza fit-termini tat-tieni ipotesi kontemplata fl-artikolu 262 (b) tal-Kap.9 u cioe' meta l-hallelin jipprezentaw ruhom izjed minn tnejn. Certament li bil-prezenza tieghu fil-karozza ezatt barra l-bieb tal-fond attakkat f' post dizabitat bhal dak, kien qed jirrendi l-minaccja ghall-okkupanti tal-fond wahda aktar gravi ghax altru trid tirrezisti tnejn minn-nies u altru tlieta.

L-appellant ma jistax jitqies li bil-fatt li ma dahalx gewwa allura jigi li mar f' dawk l-agwati biss ghal xi *"joy ride"* jew ghal xi *"outing"* bil-karozza. Kien jaf sew x ser isir u jekk verament ried jiddezisti, jmissu qabad u hareg mill-karozza w telaq minn fuq il-post bil-mixi jekk kien hemm bzonn. Dik kienet kieku tixhed il-vera dezistenza w mhux li jibqa' ghassa wara l-bieb kif effettivament ghamel. Inoltre hu kien konxju li shabu dahlu armati go dar biex iwettqu serqa w biex ma jkunx responsabbli bhala komplici fis-serqa ippjanata mieghu stess minn qabel, kellu d-dmir li jimpedixxi li dak li kienu ser jaghmlu shabu milli jsir,

okkorrendo billi jiddiswadihom firmament u jekk hemm bzonn anki jcempel lil Pulizija bil-mobile li kellu. Dan kollu kien jinkombi fuqu skond l-artikolu 45( c ) tal-Kodici Kriminali biex ma jkunx responsabbli ghar-reat ta' tentattiv ta' serq aggravat. Imma mhux talli ma ghamel xejn minn dan, izda sahasitra sa saghtejn wara nstab fil-kumpanija ta' wiehed mill-hallelin Zammit fil-*getaway car* fi Pjazza Guze' Flores f' Hal-Qormi, sinjal car dan li b' ebda mod ma kien qed jiddizapprova minn dak li kienu ghamlu shabu Zammit u Felice.

Qal x' qal Felice meta xehed :- *"dak ma kienx involut ezattament ezattament fil-kaz....baqa' barra hux."*, dan mhux ser ibiddel in-nozzjoni guridika tal-partecipazzjoni attiva fis-serq ghax x' jikkostitwixxi tali partecipazzjoni mhux ser jigi defenit mill-opinjoni ta' halliel.

Ghalhekk bhala fatt din il-Qorti – bhall-Ewwel Qorti – mhix sodisfatta li kien hemm xi *"voluntary desistance"* da parti tal-appellant. Li gara kien li l-appellant, ghal ragunijiet li jaf hu, ghazel li l-partecipazzjoni tieghu fis-serqa tkun dik li jibqa' ghassa barra fil-car li umbaghad harbu biha l-malviventi, izda b'hekk xorta kien qed jghin lill-awturi kif fuq inghid.

B' din il-prezenza tieghu hu kien gie ukoll ta bidu ghall-atti ta' ezekuzzjoni tar-reat bl-istess mod li shabu kienu taw bidu ghall-istess esekuzzjoni appena irruwew fil-fond attakkat. Dan ma kienx att preparatorju kif jargumenta l-appellant imma att ta' bidu tal-esekuzzjoni parallel mal-att ta' bidu tal-esekuzzjoni kompjut miz-zewg malviventi l-ohra w li ppersista tul il-hin kollu waqt li z-zewg malviventi l-ohra kienu qed jippruvaw iwettqu s-serqa qabel ma gew sfrattati.

Kif jghid il-**Mamo** (ibid p. 135):-

*"The accomplice who has effectively contributed to an event which is made punishable by law, necessarily shares the liability in respect thereof. The fortuitous event which prevents the consummation of the offence naturally avails the accomplice as it avails the principal, in the*

*sense of reducing his liability but not in the sense of excluding it completely."*

Ghalhekk fil-konfront tieghu, ghalkemm ma kienx wiehed mill-awturi tat-tentattiv tas-serqa in kwistjoni, jirrizulta r-reat ta' komplicita' f' tentattiv ta' serq, aggravat bil-lok, skond l-art. 269(g), bil-valur li jeccedi l-Ewro 232.94c, skond l-art. 267, u bil-vjolenza skond l-artikolu 262 (1) (b) ghaliex, kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant fir-rikors tal-appell tieghu, l-appellant kien bil-partecipazzjoni tieghu xjentement ghin jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie preparat u li bihom inghata bidu ghall-ezekuzzjoni tieghu, kif provvdut fl-artikolu 42 (d) u 41 (a) tal-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat;

L-appellant ikompli jissottometti li anki jekk, ghal grazzja tal-argument, tigi skartata in-nozzjoni tad-dezistenza volontarja, ma jistax jinghid - ladarba baqa' barra – li kien hemm il-komunikabilita' ghalih tac-cirkostanza li fiha l-awturi tat-tentattiv ta' serq darbu lil konjugi Felice w ssekwestrawhom flimkien man-neputijiet taghhom Cortis.

Certament l-appellant ma setax jinstab hati bhala awtur tar-reat li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri skond it-tieni imputazzjoni u tar-reat ta' sekwestru tal-persuna kontra diversi nies, kif fil-fatt instab. Jirrizulta inkonfutabilment li dawn l-offizi saru minn Felice u Zammit li kienu irruwew god-dar. Ladarba hu agixxa biss bhala komplici irid jigi determinat jekk l-agir taz-zewg malviventi l-ohra Felice u Zammit (li dahlu gewwa w sawwtu w ssekwestraw lill-persuni li kien hemm god-dar) waqt it-tentattiv tas-serqa hux ukoll komunikabbli ghalih li kien baqa' barra d-dar.

Illi hu minnu, kif jikkoncedi l-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu, li hemm gurisprudenza illi l-komplici li jkun jaf li l-principali tad-delitt ikunu armati hu prezunt li hu jkun jaf li l-armi ser jintuzaw. Pero' f' kull kaz wiehed ikun irid jezamina c-cirkostanzi partikolari tal-kaz biex jara sa'

liema grad din il-prezunzjoni ta’ fatt tista’ treggi w ma treggix.

Illi l-artikolu 45 tal-Kodici Kriminali jddisponi li:-

*“Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f’ delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun l-awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss:-*
*(a) lill-persuna li taghmel l-att;*
*(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar ;*
*(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qed isir, u ghad li kienet tista’ timpedieh, hallietu jsir.”*

Issa, fil-waqt li indubbjament l-appellant kien jaf minn qabel bil-fatt li ser issir serqa minn god-dar t’ abitazzjoni, fejn seta’ jinsteraq valur in eccess ghall-Ewro 232.94c u li l-hallelin (hu inkluz) kienu ipprezentaw ruhom fuq il-post tad-delitt f’ numru ta’ izjed minn tnejn u armati, u cio’ nonostante ma ghamel xejn biex jimpedixxi li din is-serqa ssir, anzi kompla jippartecipa fiha bhala komplici kif fuq intqal, ma jsegwix necessarjament, ghab-bazi tar-rizultanzi, li hu kien jaf minn qabel li ser jigu feriti iz-zewg anzjani u li ser jigu sekwestrati xi persuni. Di fatti l-armi tan-nar ma gewx sparati mill-hallelin u ma gewx uzati bhala tali. Il-vjolenza uzata kontra l-anzjani Camilleri hadet forma ohra. Lanqas ma hemm xi prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li hu kien sar jaf b’ dan waqt li l-att kien qed isir u li allura seta’ jimpedieh.

Ghalhekk hawn l-appellant ghandu ragun u din il-Qorti thoss li r-reati dedotti skond it-tieni w t-tielet imputazzjoni li jirrizulta li gew kommessi miz-zewg malviventi l-ohra w li certament jaggravaw ulterjorment (ghalkemm ghall-fini tal-piena fis-sentenza appellata huma gew assorbiti fir-reat tat-tentattiv ta’ serq) ir-reat ta’ tentattiv ta’ serq li dwaru kien sar ftehim minn qabel mal-appellant. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx *“safely and satisfactorily”* issib htija ukoll ta dawn ir-reati fil-konfront tal-appellant. Hawn hemm dubju dettat mir-raguni li ghandu jmur favur l-appellant. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi milqugh.

L-istess pero’ ma jistax jinghad ghall-aggravju simili tal-appellant dwar ir-raba imputazzjoni li tirrigwarda l-portata tal-armi fil-waqt li kien qed jigi kommess delitt kontra l-persuna ta’ Grazia Camilleri u persuni ohra u jew reat ta’ serq jew hsara fil-proprjeta’. Dan ghaliex hu kien ben konxju li l-awturi tar-reat tas-serq kienu dahlu fil-fond armati b’ senter issegat u pistola w ghaldaqstant din ic-cirkostanza kienet ugwalment komunikabbli ghalih skond l-artikolu 45 (b) u ( c ) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Is-sitt imputazzjoni ukoll ma tirrizultax pruvata ghax ma rrizultax li f’ xi hin l-appellant kellu l-pussess jew garr l-armi uzati miz-zewg hallelin l-ohra. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi akkolt.

Ma hemm ebda aggravju dwar is-sejbien ta’ htija tar-recidiva skond it-tmin addebitu.

Ikkonsidrat;

L-appellant ghamel ukoll sottomissjonijiet bla pregudizzju dwar il-piena, li qal li hija wahda eccessiva w talab *in subsidium* li din tigi mibdula f’ wahda ta’ prigunerija sospiza jekk ikun il-kaz li tkun ukoll entro l-parametri tal-ligi.

Illi in vista’ tal-konkluzzjonijiet fuq raggunti dwar ir-responsabbilta’ kriminali w l-htija li qed tigi issa riskontrata , irid ikun hemm bil-fors certu temperament fil-piena. Pero’ iridu jigu konsidrati dawn il-fatturi:-

1. Li kien ghadu minorenni meta wettaq dawn id-delitti.
2. Li l-appellant qed jigi liberat mis-sitt (6) imputazzjoni;
3. Li ghalkemm issa l-appellant mhux qed jinstab hati tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni, hu ma kienx gie moghti piena ghal dawn iz-zewg reati ghax l-Ewwel Qorti kienet qieset li dawn kellhom – ghall-fini tal-piena – jigu assorbiti fir-reat taht l-ewwel imputazzjoni. U ladarba ma nghatax piena ghal dawn ir-reati, din il-Qorti ma ghandhiex piena xi tnaqqas fir-rigward taghhom issa li qed jigi liberat minnhom.

4. li mil-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li hu diga' nstab hati ta' reat kontinwat ta' serq aggravat bil-mezz, bil-lok, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll ta' ricettazzjoni, kommessi precedentement ghal din is-serqa w precizament fil-lejl tat-12/13 ta' Mejju, 2004.
5. Li dan ir-reat li fih assista bhala komplici sar ghad-dannu w fil-konfront ta' zewg persuni anzjani li wahda minnhom: Grazia Camilleri, qatt ma rkuprat mit-trawma fizika w psikologika li sofriet sakemm mietet ftit tax-xhur wara din is-serqa.

Fir-rigward ta' din l-ahhar konsiderazzjoni din il-Qorti tara li hu rilevanti ferm li ticcita b' approvazzjoni minn dottrina Ingliza li tohrog minn sentenzi tal-Qrati Inglizi, kif kienet ghamlet fis-sentenza taghha fil-kaz tal-awturi tar-reati: **"Il-Pulizija vs. Costantino Felice et"** [22.8.2007] w partikolarment:-

dak li gie deciz fil-kaz **"Regina v. Richardson"** (Court of Appeal – 10.2.1988, kif rapportat f' Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice , [Sweet & Maxwell] 2000, p.1835):-

***"It was said that sentences of 13 years, 12 years and 11 years youth custody on young men of previous good character who had pleaded guilty to taking part in a series of serious robberies on houses …where the victims were disturbed and attacked with knives were right in principle and not excessive. Ewbank J. giving the judgment of the Court said that the time had come to reiterate what the Court of Appeal had said on other occasions. Some crimes were so heinous that a plea of youth, a plea that a crime was a first offence or that the offender had never been to prison before, were of little relevance. These were such crimes {robbery in the course of burglary}. Those who took part in them, even if they pleaded guilty, even if they were young, even if they had no previous convictions, even if the victims were neither aged or infirm, nor brutalised in the presence of young children, should know that they would***

***inevitably be subjected to immediate and long sentences.”***

u dak li gie deciz fil-kaz **“R. vs. O’Driscoll”** (8 Cr. App. R. (S.) 121, CA , ibid p. 1834) fejn intqal:-

***“the need to protect elderly people living alone who were increasingly selected by burglars for savage, sadistic, cruel and greedy attacks was emphasised by the Court of Appeal (appeal against a 15-year prison sentence for offences of aggravated burglary, robbery and causing grevious bodily harm with intent, dismissed. Where thugs selected old people living alone as victims and attacked them in their own homes and then tortured them to make them hand over their valuables in such a savage fashion, this was the sort of sentence which they could expect.”***

(ara ukoll “**R. v. Funnell**, 8 Cr. App. R. (S.) 143 CA.; **R. v. Dawson** , 8 Cr. App. R. (S.) 405 CA u **R. V. Burnett**, 9, Cr. App. R. (S.) 450 CA.)

Ghalhekk fid-dawl ta’ dan l-insenjament li din il-Qorti tabbraccja, kif ukoll biex jinzamm proporzjon mal-piena li gja inghat lill-awturi ta’ dawn id-delitti fis-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs. Costantino Felice et”** [22.8.2007], kull temperament fil-piena necessitat mill-konkluzzjonijiet fuq raggunti irid ikun wiehed minimu stante l-gravita’ tar-reati li taghhom l-appellant – recidiv – qed issa jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi:
1**. tikkonfermaha** fejn ma sabitx lill-appellant hati tal-hames u tas-seba’ imputazzjoni w fejn sabitu hati tal-addebitu tar-recidiva w fejn ikkundannatu jhallas l-ispejjez tal-espert mahtur mill-Qorti li jammontaw ghal Ewro 128.86c
2. u **tirrevokaha** fejn sabitu hati bhala awtur tal-ewwel, it-tieni , t-tielet , ir-raba , w s-sitt imputazzjoni, w fejn ikkundannatu ghal tlitt snin prigunerija

3. u **minnflok** ma ssibux hati tat-tieni, tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni w minnhom tilliberah, izda ssibu hati ta' komplicita' fl-ewwel u fir-raba imputazzjoni, bl-assorbiment ghall-fini tal-piena tar-raba' imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni kif issa rrizultat, stante l-konkors formali jew ideali li jezisti bejnithom stante li l-komplicita' fil-garr ta' arma waqt il-kommissjoni tat-tentattiv tas-serq hija ukoll ingredjent tal-aggravanti tal-vjolenza tal-istess tentattiv ta' serq skond l-artikolu 262 (1) (b) u tikkundannah ghall-piena ta' tletin (30) xahar prigunerija.

Finalment, peress li l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax (18) sena meta kkommetta r-reati li issa qed jinstab hati taghhom, tordna li l-isem u l-konnotati l-ohra tal-appellant ma jissemmewx f' kull rapportagg ta' din is-sentenza fuq l-internet u fil-media.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------